**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 275**

It-Tnejn, 11 ta’ Novembru 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**PREŻENTI**

Id-Deputat Prim Ministru u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir l-Onor. Miriam Dalli u l-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni l-Onor. Jonathan Attard kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech, l-Onor. Ray Abela u l-Onor. Aaron Farrugia kienu skużati.

Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela, il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar l-Onor. Clint Camilleri, il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagh, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, l-Onor. Chris Agius, l-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Ryan Callus, l-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Deo Debattista, l-Onor. Chris Fearne, l-Onor. Cressida Galea, l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici, l-Onor. Alex Muscat, l-Onor. Stephen Spiteri, l-Onor. Julie Zahra u l-Onor. Stanley Zammit kienu assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 274 li saret fil-11 ta’ Novembru 2024 kienu konfermati.

**RULING**

L-Ispeaker ta ruling fuq il-każ ta’ ksur ta’ privileġġ imqajjem mill-Onor. Adrian Delia fis-Seduta 272 tas-6 ta’ Novembru 2024 dwar diskors li ntqal mill-Prim Ministru fil-konfront tiegħu waqt is-seduta tal-5 ta’ Novembru 2024.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4452 Rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika bl-isem "Evaluating the Role of the Malta Film Commission in promoting the Maltese film industry" datat Novembru 2024; u

P.L. 4453 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Carmela Zammit et vs il-Kummissarju tal-Artijiet et (Rikors Numru 23/2017/JVC), deċiża fis-6 ta' Ġunju 2023 u dik tal-Appell datata 21 ta' Ottubru 2024, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 21147 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Anton Refalo, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4454 Avviż Legali Nru 298 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Klassifikazzjoni tal-Varjetajiet tad-Dwieli għall-Produzzjoni ta' Għeneb għall-Għasir;

P.L. 4455 Tabella li turi n-nefqa mill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali fuq overtime lil uffiċjali tas-sigurtà, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 22640; u

P.L. 4456 Korrezzjoni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 21014 dwar nefqa mill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali fuq overtime lil uffiċjali tas-sigurtà fil-perjodu bejn April 2022 u Settembru 2024 li ngħatat fis-seduta 262 tal-14 ta' Ottubru 2024.

Il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, l-Onor. Chris Bonett, f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4457 Avviż Legali Nru 297 tal-2024 – Restriction of Use of Hazardous Substances in Electrical and Electronic Equipment (Amendment No. 3) Regulations, 2024;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4458 Avviż Legali Nru 299 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi;

P.L. 4459 Tagħrif dwar in-numru ta' ċitazzjonijiet li nħarġu mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) għal kontravenzjonijiet relatati mal-ġbir tal-iskart, maqsuma skont il-lokalità għas-snin bejn l-2016 u Ottubru 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 22604;

f’isem il-Ministru għall-Finanzi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4460 Tabella li tagħti rendikont ta’ ħlasijiet li għamlet Malta lill-Unjoni Ewropea bejn Mejju 2004 (id-data tas-sħubija fl-UE) u Ottubru 2024, maqsuma sena b’sena, bit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 22637.

f’isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4461 Tabella li turi n-numru ta’ impjegati mal-Aġenzija Żgħażagħ u n-nefqa totali f’pagi għas-snin bejn l-2013 u l-2024, maqsuma sena b’sena, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 22042; u

f’isem il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4462 Tabella li turi tagħrif dwar pagamenti li ngħataw lil kumpanija partikolari, bl-approvazzjoni tal-Qorti, mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni bejn Settembru 2020 u April 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 22824.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**ESTIMI ĠENERALI 2025 - KUMITAT TA' PROVVISTA – IT-TIELET SEDUTA STABBILITA**

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

Il-Viċi President tal-Kumitati l-Onor. Michael Farrugia ppreseda.

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA**

Il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela, ressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

**VOT 44 - MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €1,134,955,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 44 - Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2025.

**VOT 45 - ANZJANITÀ ATTIVA**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €305,240,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 45 - Anzjanità Attiva, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2025.

**VOT XX - MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €88,792,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot XX - Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2025.

Il-Viċi President tal-Kumitati informa lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 302 tas-16 ta' Ottubru 2024, il-ħin tad-diskussjoni kellu jkun mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Fl-4.36 p.m. beda l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u l-Onor. Adrian Delia ressaq din l-Emenda:

**VOT 44 - MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA**

***Personal Emoluments***

***Item 11 - Holders of Political Office***

Ħassar iċ-ċifra "€108,852" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€108,849".
*Delete the figure "€108,852" and substitute therefor the figure "€108,849".*

Fis-6.02 p.m. għadda l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u beda l-ħin disponibbli għall-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Paula Mifsud Bonnici, l-Onor. Ian Vassallo u l-Onor. David Agius għan-naħa tal-Oppożizzjoni, u l-Onor. Jo Etienne Abela u l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea għan-naħa tal-Gvern.

Il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4463 Artiklu li deher fuq is-sit *thebmj.com* fit-13 ta' Settembru 2024 bl-isem "Call for military to protect staff in Italian hospitals after surge in violent attacks"; u

P.L. 4464 Estratt minn rapport maħruġ mill-Kummissarju għas-Saħħa f'Mejju 2013 bl-isem "Long waiting times at the Accident & Emergency Department, Mater Dei Hospital".

Fis-7.30 p.m. id-diskussjoni kienet konkluża skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 302 tas-16 ta' Ottubru 2024.

Il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva rrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 302 tas-16 ta' Ottubru 2024, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva kienet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kellhom jittieħdu f'seduta li d-data tagħha kellha tiġi deċiża skont l-istess mozzjoni ta' proċedura.

**AĠĠORNAMENT**

Fis-7.32 p.m., il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva ppropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tlieta, 12 ta' Novembru 2024 fid-9.00 a.m. b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

Estimi Ġenerali 2025 - Kumitat ta' Provvista

**<u>Ir-Raba' Seduta Stabbilita - Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali</u>**

Vot 20 - Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali
Vot VIII - Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali – Kapital

Il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 302 tas-16 ta' Ottubru 2024, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali kellha tieħu mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

L-Onor. Jo Etienne Abela informa wkoll lill-Kamra li din is-seduta għandha tkun mingħajr mistoqsijiet, u li l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

Fis-7.33 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 302 tas-16 ta' Ottubru 2024.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. DAVID AGIUS**
**DEPUTY SPEAKER**